

Brussell, 21 ta' Frar 2022
(OR. en)

6298/22

AGRI 55
CODEX 5
FAO 7
SAN 96
VETER 12
SUSTDEV 38
CONUN 37
RELEX 193
WTO 23
FOOD 14
PHYTOSAN 7
ENV 130
CLIMA 68

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	6028/22 INIT + ADD 1
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar l-impenn tal-UE għal Codex Alimentarius ambizzjuż u adattat għall-isfidi tal-lum u ta' għada

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impenn tal-UE għal Codex Alimentarius ambizzjuż u adattat għall-isfidi tal-lum u ta' għada, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Frar 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

L-impenn tal-UE għal Codex Alimentarius ambizzjuż u adattat għall-isfidi tal-lum u ta' għada

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2021 dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021 (9335/21);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt (12099/20);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar il-bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti (12210/20);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar Azzjoni tal-UE biex jissaħħaħ il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli (10341/19);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2019 dwar Appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja (10997/19);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2019 dwar ir-raba' Rapport ta' Progress rigward il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni (14457/19);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2019 dwar Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 – Progress s'issa u l-passi li jmiss (14835/19);

IR-RWOL STRATEGĠIKU TAL-CODEX ALIMENTARIUS

1. JENFASIZZA r-rwol uniku u kritiku tal-Codex Alimentarius bħala l-Programm konġunt tal-Istandards tal-Ikel tal-FAO¹/WHO² biex tiġi protetta s-saħħa tal-konsumatur u jiġu promossi prattiki ġusti fil-kummerċ tal-ikel, bil-Kummissjoni Codex Alimentarius bħala l-korp governattiv ċentrali tiegħu;
2. JILQA' r-riżultati sinifikanti miksuba mill-Codex Alimentarius u JIRRIKONOXXI BIS-SĦIĦ l-importanza u r-rilevanza dinjija li għad għandhom l-standards għall-ikel ibbażati fuq il-kunsens adottati mill-Kummissjoni Codex Alimentarius;
3. JENFASIZZA l-kollaborazzjoni proliferata u li ilha stabbilita tal-UE³ mal-membri kollha tal-Kummissjoni Codex Alimentarius, li għall-UE, bħala wieħed mill-akbar importaturi u esportaturi tal-ikel fid-dinja, tibqa' importanti daqs qatt qabel biex tippromwovi u ssaħħa il-koperazzjoni multilaterali effettiva bbażata fuq ir-regoli u biex tiffaċilita l-kummerċ internazzjonali;
4. ITENNI l-impenn qawwi tal-UE, ibbażat fuq l-għarfien espert komprensiv tagħha fil-qasam tas-sikurezza alimentari u l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur, biex tkompli tagħti kontribut effettiv għall-Codex Alimentarius fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, b'rispett sħiħ tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-UE mal-Kummissjoni Codex Alimentarius fl-2003⁴;
5. IFAKKAR fl-impenn kontinwu tal-UE, inkluż bħala l-kontributor ewlieni għall-Fond Fiduċjarju tal-Codex Alimentarius tal-FAO/WHO, biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni fl-attivitajiet tal-Codex Alimentarius; f'dan ir-rigward, ITENNI x-xewqa qawwija tal-UE li tkompli tikkondividi l-kompetenza esperta, l-għarfien u l-esperjenza tagħha ma' dawn il-pajjiżi u li tappoġġa attivitajiet ta' bini tal-kapaċità fil-kuntesti nazzjonali speċifiċi tagħhom, inkluż permezz tal-programm tal-UE "Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel" u l-Programm sanitarju u fitosanitarju "Fit For Market";

¹ Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti.

² Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

³ F'dan id-dokument kollu, l-użu ta' "UE" mhux indikattiv dwar jekk il-kompetenza hijiex tal-UE, tal-UE u l-Istati Membri tagħha, jew esklużivament tal-Istati Membri tal-UE.

⁴ 2003/822/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Kummissjoni Codex Alimentarius (ĠU L 309, 26.11.2003, p. 14).

KONVERĠENZA TAL-AMBIZZJONI TAL-CODEX ALIMENTARIUS MAL-AĠENDA GLOBALI TAS-SOSTENIBBILTÀ

6. ITENNI l-impenn sħiħ tal-UE li twettaq l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u JAFFERMA MILL-ĠDID id-determinazzjoni tal-UE li taħdem mas-sħab kollha tagħha biex tħaffef il-progress lejn il-bini ta' sistemi tal-ikel sostenibbli li jiżguraw il-kapaċità dejjiema tad-dinja li tipprovdi ikel sikur, nutrittiv u affordabbli għal kulħadd fil-limiti tal-pjaneta tagħna;
7. F'dan ir-rigward, JILQA' l-momentum maħluq mis-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021 lejn it-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel u lejn l-indirizzar b'konsistenza akbar tal-isfidi sistemiċi u interkonnessi li qed jiffaċċaw is-sistemi tal-ikel, u JAPPOĠĠA s-segwitu tas-Summit permezz ta' azzjoni konġunta fil-livelli kollha, u kooperazzjoni msaħħa f'fora multilaterali u korpi internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards;
8. JENFASIZZA l-aspettattivi tal-konsumaturi fir-rigward tas-saħħa, l-ikel u n-nutrizzjoni, b'enfasi dejjem akbar fuq approċċ għas-sistema tal-ikel kollha kemm hi u fuq il-bini ta' suq aktar ekwu għall-ikel madwar id-dinja li jirrikonoxxi u jippremjja kif xieraq l-isforzi ta' sostenibbiltà magħmula mill-produtturi tal-ikel;
9. JAGĦRAF l-ambjent li qed jevolvi li fih jopera l-Codex Alimentarius u l-importanza li jkun hemm rispons proattiv u f'waqtu għall-kwistjonijiet attwali u emerġenti, f'konformità mal-Pjan Strateġiku tal-Codex Alimentarius 2020-2025;
10. JAGĦRAF il-kontribut importanti li l-Kummissjoni Codex Alimentarius, flimkien mal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Animali (OIE) u l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC), bħala programmi dinjija li jistabbilixxu l-istandards rikonoxxuti mill-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar l-Applikazzjoni tal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, jistgħu jagħtu lill-aġenda globali dwar is-sostenibbiltà permezz ta' standards internazzjonali bbażati fuq ix-xjenza u l-evidenza;

11. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-impenn tal-UE li tikkontribwixxi b'mod attiv għall-ħidma tal-Codex Alimentarius biex tgħin fl-indirizzar tal-isfidi ppreżentati mit-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, it-tixrid tar-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) u ż-żieda fil-mard li ma jitteħidx, u JENFASIZZA r-rieda qawwija tal-UE li tesplora, flimkien mas-sħab tagħha, il-modi prammatiċi kollha ta' integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fil-ħidma tal-Kummissjoni Codex Alimentarius; f'dan ir-rigward, JAGĦRAF li dan l-approċċ huwa kompletament konsistenti mal-impnjenji ta' sostenibbiltà meħuda mill-membri tal-Codex Alimentarius f'fora internazzjonali jew proċessi multilaterali oħra;
12. JENFASIZZA l-importanza kritika tat-tisħiħ tal-approċċ Saħħa Waħda fir-rigward tas-sistema tal-ikel kollha kemm hi, inkluż permezz ta' kollaborazzjoni msaħħa bejn l-OIE, l-IPPC u l-Kummissjoni Codex Alimentarius, sabiex titqies kif xieraq ir-rabta sistemika bejn is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u l-protezzjoni tal-ambjent; f'dan ir-rigward, JILQA' l-aġġornament li għaddej bħalissa tal-istrategġji dwar is-sikurezza tal-ikel tal-FAO u tad-WHO, li t-tnejn li huma jirrikonoxxu kif xieraq ir-rabta bejn is-sikurezza tal-ikel u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kif ukoll l-importanza li jiġi applikat approċċ Saħħa Waħda matul il-proċess kollu ta' analiżi tar-riskju;
13. JENFASIZZA li l-analiżijiet u d-data relatati mal-konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà, bħall-protezzjoni ambjentali u t-trattament xieraq tal-annimali, jistgħu jikkomplementaw b'mod utli l-valutazzjoni tar-riskju li bħalissa qed titwettaq mill-kumitati esperti konġunti tal-FAO/WHO;
14. JENFASIZZA li komunikazzjoni u kooperazzjoni msaħħa bejn il-korpi konġunti ta' valutazzjoni tar-riskju tal-FAO/WHO u korpi esperti internazzjonali jew reġjonali oħrajn jistgħu jsaħħu l-bażi xjentifika tal-istandards tal-Codex Alimentarius;

15. JAGĦRAF BIS-SHIF ir-rwol rilevanti li l-Kummissjoni Codex Alimentarius jista' jkollha fil-promozzjoni ta' sorsi tal-ikel u sistemi ta' produzzjoni ġodda li jistgħu jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, f'konformità mal-ambizzjoni li jiġu indirizzati b'mod proattiv kwistjonijiet emerġenti kif imsemmija fil-Pjan Strateġiku tal-Codex Alimentarius 2020-2025;

IL-METODI U L-PRATTIKI TA' ĦIDMA TAL-CODEX ALIMENTARIUS HUMA ADATTI GĦALL-ISFIDI TAL-LUM U TA' GĦADA

16. JAFFERMA MILL-ĠDID l-appoġġ qawwi tal-UE għall-prinċipji fundamentali li jirfdu l-ħidma tal-Codex Alimentarius, inkluż it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq il-kunsens biex jiġu żgurati l-użu u l-impatt effettivi madwar id-dinja tal-istandards tal-ikel adottati mill-Kummissjoni Codex Alimentarius;
17. IFAKKAR fl-importanza tal-Kummissjoni Codex Alimentarius u l-korpi sussidjarji tagħha li jsostnu approċċ ta' ġestjoni tar-riskju integrat fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom li jagħti konsiderazzjoni xierqa lill-aspetti rilevanti kollha u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' approċċ Saħħa Waħda;
18. JENFASIZZA li ż-żamma ta' metodoloġija xjentifika aġġornata għall-valutazzjoni tar-riskju hija essenzjali biex tiġi żgurata l-preminenza tal-Codex Alimentarius fl-istabbiliment tal-istandards tal-ikel; f'dan ir-rigward, JENFASIZZA li għandhom jiġu esplorati metodoloġiji innovattivi għall-valutazzjoni tar-riskju, u l-valutazzjoni tal-impatt tal-istandards tal-ikel, biex jiffaċilitaw il-konsiderazzjoni adatta għall-iskop tad-dixxiplini xjentifiċi kollha relatati mas-sistemi tal-ikel fi ħdan l-attività tal-istabbiliment tal-istandards tal-Codex Alimentarius;
19. JENFASIZZA r-rwol essenzjali tal-Kummissjoni Codex Alimentarius fil-promozzjoni tal-koordinazzjoni tal-ħidma kollha li tistabbilixxi l-istandards fir-rigward tal-ikel minn organizzazzjonijiet internazzjonali u intergovernattivi; f'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-importanza li tiġi żgurata artikolazzjoni adegwata mal-ħidma mwettqa b'mod partikolari mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO);

20. JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat li l-Kummissjoni Codex Alimentarius tuża bis-sħiħ il-potenzjal tal-korpi sussidjarji tagħha biex tħejji l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod inklużiv u trasparenti; JENFASIZZA, f'dan ir-rigward:
- il-funzjoni essenzjali tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Codex (CCEXEC) fit-tweġiq tar-rieżami kritiku tar-rakkomandazzjonijiet ippreżentati lill-Kummissjoni Codex Alimentarius rigward l-elaborazzjoni tal-istandards;
 - ir-rilevanza u l-importanza tal-ħidma tal-Kumitat Codex dwar il-Prinċipji Ġenerali (CCGP) fit-trattament ta' kwistjonijiet proċedurali u ġenerali riferuti lil Kummissjoni Codex Alimentarius, li b'hekk jikkontribwixxi għall-iżgurar tal-aħjar prattiki ta' ħidma għall-Codex Alimentarius;
21. JAPPOĠĠA t-tweġiq ta' attivitajiet ġodda għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-użu tal-istandards eżistenti tal-Codex Alimentarius, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan Strateġiku tal-Codex Alimentarius 2020-2025;
22. JENFASIZZA li l-proposti għal ħidma ġdida għandhom jiġu vvalutati kif xieraq skont il-kriterji għall-istabbiliment ta' prijoritajiet ta' ħidma, b'mod partikolari l-kriterju ta' "disponibbiltà għall-istandardizzazzjoni", bil-ħsieb li jiġi żgurat appoġġ wiesa' mis-sħubija;
23. JENFASIZZA li l-adozzjoni b'konsens tal-istandards tal-Codex Alimentarius għandha tkun l-oġettiv primarju; JIRRIKONOXXI d-diffikultà għall-Kummissjoni Codex Alimentarius li tindirizza kif xieraq sitwazzjonijiet fejn hemm diverġenza kbira ta' fehmiet minħabba fatturi u konsiderazzjonijiet leġittimi oħra⁵ li għandhom jitqiesu; JIRRAKKOMANDA, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni Codex Alimentarius għandha tfitteż fehim komuni dwar l-opzjonijiet disponibbli biex il-membri tagħha jkunu jistgħu jastjenu mill-aċċettazzjoni ta' standard;

⁵ Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, tali konsiderazzjonijiet jinkludu fatturi soċjetali, ekonomiċi, tradizzjonali, etiċi u ambjentali u l-fattibbiltà tal-kontrolli (ara r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel).

24. JAGĦRAF l-isforzi kbar li saru mill-Kummissjoni Codex Alimentarius biex tiżgura l-kontinwità tal-ħidma tagħha matul il-pandemija tal-COVID-19; JAPPOĠĠA r-riflessjoni li għaddejja dwar kif jittieħed vantaġġ sħiħ mill-esperjenza miksuba matul il-pandemija tal-COVID-19, inkluż fir-rigward tal-metodi ta' ħidma l-ġodda u l-arranġamenti ta' laqgħat tal-Kummissjoni Codex Alimentarius u l-korpi sussidjarji tagħha, u dwar il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat l-aġġustament tal-proċeduri u r-regoli kif xieraq, u f'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-impenn tal-UE li tikkontribwixxi għall-isforzi persistenti tal-Codex Alimentarius biex tibqa' organizzazzjoni reżiljenti u aġili;
25. JENFASIZZA l-importanza li l-FAO u d-WHO jipprovdu riżorsi amministrattivi u finanzjarji adegwati, preferibbilment mill-baġits ewlenin tagħhom, għall-attivitajiet tal-korpi esperti konġunti tal-FAO/WHO li jappoġġaw il-Codex Alimentarius; f'dan ir-rigward, ITENNI l-impenn tal-UE li tikkontribwixxi l-għarfien u l-kompetenza esperta tagħha f'dan il-qasam partikolari, inkluż permezz ta' kollaborazzjoni msaħħa bejn l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u l-korpi esperti konġunti tal-FAO/WHO;

KOOPERAZZJONI EFFETTIVA KOSTANTI TAL-UE DWAR IL-CODEX ALIMENTARIUS

26. JINNOTA B'SODISFAZZJON li, matul l-aħħar żewġ deċennji mill-adeżjoni tal-UE mal-Kummissjoni Codex Alimentarius fl-2003, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea żviluppaw kooperazzjoni soda u ta' suċċess dwar kwistjonijiet relatati mal-Codex bil-ħsieb li jipprovdu kontribut tal-UE kkoordinat kif xieraq għall-ħidma tal-Codex Alimentarius;
27. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex jesploraw, fejn xieraq, possibiltajiet għat-tisħiħ tal-effettività tal-UE fid-diversi oqsma ta' ħidma tal-Codex Alimentarius, inkluż billi jipproponu suġġetti ta' prijorità li l-UE tista' tkun forza li tmexxihom 'il quddiem, u jivvalutaw il-firxa ta' opzjonijiet u għodod li l-UE tista' tuża biex tieħu pożizzjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-istandards tal-Codex Alimentarius, filwaqt li jirrikonoxxu li membri oħra tal-Codex jista' jkollhom approċċi regolatorji leġittimi differenti li jkunu adattati għall-kuntest nazzjonali jew reġjonali tagħhom;

28. JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurati li l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea qed jikkontribwixxu b'mod adegwat għall-ħidma tal-kumitati esperti tal-FAO/WHO, u l-ħtieġa li jiġu pprovduti għarfien espert u riżorsi adegwati għal dan il-għan;
29. JINKORAĠĠIXXI kollaborazzjoni msaħħa bejn l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u s-Segretarjati tal-Kumitati Esperti Konġunti tal-FAO/WHO li jappoġġaw il-ħidma tal-Kummissjoni Codex Alimentarius;
30. JENFASIZZA l-importanza li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib kostanti bejn l-UE u l-membri l-oħra tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Codex Alimentarius għall-Ewropa (CCEURO); f'dan il-kuntest, JILQA' l-kandidatura tal-Ġermanja bħala l-koordinatur li jmiss tas-CCEURO;
31. JENFASIZZA li jibqa' importanti għall-UE li tkompli taħdem, b'mod ikkoordinat, mal-membri kollha tal-Kummissjoni Codex Alimentarius bil-ħsieb li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka u tiġi promossa l-kooperazzjoni mill-qrib; għal dak il-għan, JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex ikomplu u, fejn meħtieġ, isaħħu l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni.

